**23 ta' April, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Angelo Busuttil

**Klieb — Liċenza.**

*Min iżomm aktar minn kelb wieħed, u ma jkollux liċenza tal-Pulizija biex iżomm klieb, għandu jiġi kundannat għal piena għal kull kelb li jkollu, u mhux għal piena waħda għall-klieb kollha.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat Angelo Busuttil, talli f'Ħal-Luqa, fl-20 ta' Jannar 1960, għall-ħabta tas-6 p.m., żamm tliett iklieb f'no. 13 Valletta Road, mingħajr liċenza tal-Pulizija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti taż-17 ta' Frar 1960, li biha sabet l-imputat ħati u kkundannatu għall-ammenda ta' lira (£1);

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella missentenza fuq imsemmija minħabba li l-piena kellha tkun mhux ta' £1 ammenda, imma ta' tliet liri ammenda, ċjoè lira għal kull wieħed mit-tliett iklieb;

Ikkunsidrat;

Ma hux kontestat li l-appellat żamm tliett iklieb bla permess;

Skond il-liġi, għalhekk, il-piena xierqa kellha tkun ta' lira ammenda għal kull kelb (art. 2 u 15 Kap. 63, u App. Krim. "Pul. vs. Dimech", 21 ta' Novembru 1959). L-appell tal-Prosekuzzjoni hu per konsegwenza, fondat;

Għaldaqstant;

Tiddeċidi billi tilqa' dak l-appell, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-piena għandha tkun ta' tliet liri ammenda b'kollox. Żmien għall-ħlas tliet ijiem mil-lum.